MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 236/2009

Kawza fil-lista: 80

**A B**
**vs**
**C D B E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li fit-2 t' Awissu 2002 huwa kkuntrattat zwieg civili mal-konvenuta; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed jitlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li f' dak l-istadju ma kienux edotti bil-fatti tal-

kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta fuq il-meritu meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri pprezentata mill-kuraturi deputati

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 t'Awissu 2002 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha taghha l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg huwa null, izda qeda tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizultaw s-segwenti fatti.

Illi fit-2 t' Awissu 2002 l-attur, cittadin Malti, li allura kellu 21 sena izzewweg lill-konvenuta, cittadina Ukrajina ta' 19-il sena, wara li kien ilu jafha tlett [3] snin. Wara li kienu ilhom johorgu flimkien madwar sena u nofs, il-partijiet marru jghixu flimkien fid-dar tal-genituri tal-attur fejn baqghu jghixu sa ftit wara li zzewgu u wara xi ftit xhur marru jghixu f'post Bugibba. Ghalkemm ma damux jghixu ghal rashom peress li marru lura jghixu ghand il-genituri tal-attur.

Wara madwar sentejn miz-zwieg beda l-inkwiet bejn il-partijiet fejn l-attur jilmenta li l-konvenuta kienet tohrog hafna u ma tghidlux ma' minn vera tkun, huwa wkoll isostni li l-konvenuta zzewgitu biss sabiex takwista passaport Malti.  Da parti taghha l-konvenuta tghid li l-attur kien wisq taht l-influwenza tal-genituri tieghu.

Il-konvenuta kellha tarbija minghand ragel iehor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehema li f’dan il-kaz jirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, da parti tal-konvenuta li ma kienitx apprezzat l-import tal-hajja konjugali, u jidher li l-ghan ewlieni taghha kien hi tibqa’ Malta izjed milli tghix il-hajja konjugali mal-attur.  Ghalhekk da parti taghha kien zwieg ta’ konvenjenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta’ Awissu 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------